**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr Edwina Grima, LL.D.**

**Appell Nru: 269/2021**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Maria sive Marlene Mizzi**

Illum, 26 ta' Novembru 2021

Il-Qorti,

Rat l-akkuża dedotta kontra Maria sive Marlene Mizzi, detentriċi tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 37955M, akkużata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fis-17 ta' Frar 2021, ġewwa Misraħ San Duminku, Rabat, Malta, u/jew f'postijiet u ħinijiet oħra f'dawn il-gżejjer, insulentat, heddedt jew inġurjat bi kliem jew b'mod ieħor lill-Imħallef Lawrence Mintoff, u dana bi ksur tal-Artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-13 ta' Lulju 2021, fejn il-Qorti laqgħet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-imputata u ddikjarat l-azzjoni kriminali bħala waħda preskritta u kwindi estinta.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Ġenerali, ppreżentat fit-3 ta' Awwissu 2021, fejn talab lil din l-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata li permezz tagħha l-azzjoni kriminali ġiet dikjarata preskritta w kwindi estinta, u minflok, in vista tal-

konsiderazzjonijiet imressqa fl-istess appell, tgħaddi sabiex tiddisponi minn dan il-każ skond il-liġi u fl-aħjar interess tal-ġustizzja.

Rat l-aggravji imqajma mill-appellant Avukat Ġenerali.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellata esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi fl-uniku aggravju minnu ntentat, l-Avukat Ġenerali jilmenta dwar il-fatt li l-Ewwel Qorti ddikjarat l-azzjoni penali miġjuba kontra l-imputata bħala waħda preskritta, u kwindi estinta, u dan meta l-istess Qorti fid-deċiżjoni tagħha stqarret ukoll li n-notifika taċ-ċitazzjoni magħmula lill-appellata saret fit-terminu mogħti fil-liġi sabiex titmexxa 'il quddiem l-azzjoni.

Illi l-Qorti fliet l-Atti Proċesswali u rriżultawlha s-segwenti fatti probatorji:

i) Illi, d-data indikata fiċ-ċitazzjoni, meta allura seħħ l-allegat aġir inkriminatorju hija dik tas-17 ta' Frar 2021. L-appellata hija mixlija bir-reat kontravvenzjonali imfassal fl-artikolu 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali u ċioe' li insulentat, heddedt jew inġurjat bi kliem lill-Imħallef Lawrence Mintoff permezz ta' ittra mibgħuta lilu bil-posta.
ii) Illi, hekk kif xehed hu stess, l-Imħallef Lawrence Mintoff qara l-ittra in kwistjoni nhar is-17 ta' Frar 2021 minn liema data l-Ewwel Qorti iddeċidiet li kellu jibda jidekorri t-terminu tal-preskrizzjoni. Fuq dan il-punt ma ġie intavolat ebda appell.
iii) Illi, it-timbru li jindika id-data tal-preżentata taċ-ċitazzjoni fir-reġistru tal-Qorti hija dik tat-12 ta' Mejju 2021, u l-appellata ġiet mitkellma mill-Pulizija u rrilaxxjat l-istqarrija tagħha dakinhar stess.

iv) Illi, l-ewwel seduta nżammet nhar it-2 ta' Ġunju 2021, waqt liema seduta id-difiża eċċepiet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tal-azzjoni penali *"stante li t-tlett xhur minn meta inkitbet l-ittra mertu tal-kawza kienu ġa għaddew sa minn qabel ħarġet l-akkuza odjerna"*. Fl-istess seduta xehed ukoll Emanuel Sciriha u l-Prosekuzzjoni eżebiet l-istqarrija tal-appellata. Finalment, il-kawża ġiet differita għal data oħra għad-deċizjoni fuq l-eċċezzjoni preliminari mressqa mid-difiża.

v) Illi, fil-mori tad-differiment, ingħata digriet mill-Ewwel Qorti datat 3 ta' Ġunju 2021 fejn ordnat li tiġi ppreżentata r-riferta tan-notifika taċ-ċitazzjoni sabiex tkun tista' tiddetermina d-data tan-notifika tal-appellata kif ukoll li jittella' jixhed il-kwerelant sabiex jiġi stabbilit meta l-istess irċieva l-ittra in kwistjoni.

vi) Illi, mir-riferta ppreżentata mill-Prosekuzzjoni jirriżulta li kien hemm zewġ tentattivi ta' notifika, it-tnejn seħħew nhar it-13 ta' Mejju 2021, liema tentattivi kienu fin-negattiv stante li ma rrisponda ħadd fl-indirizz indikat. Illi mill-istess riferta jirriżulta ukoll li eventwalment l-istess ġiet imqassma b'suċċess u tħalliet f'idejn l-Imħallef Antonio Mizzi, ir-raġel tal-appellata, fir-residenza tagħha minn PC 627 Daniel Gauci. Illi minn qari ta' dak indikat fir-riferta minn dan l-uffiċjal tal-pulizija, għalkemm il-ħin li fih saret in-notifika huwa indikat b' mod ċar u jaqra it-"*8:20hrs*", kif jidhru indikati ċari wkoll ix-xahar u is-sena bħala Mejju 2021, l-istess ma jistax jingħad madanakollu fir-rigward tal-ġurnata li fiha saret in-notifika in kwistjoni. Dan għaliex l-jum li fih tqassmet ir-riferta ġie indikat b'diversi numri miktubin fuq xulxin.

vii) Illi, fis-seduta tal-15 ta' Ġunju 2021, l-Ewwel Qorti semgħet ix-xhieda ta' l-Imħallef Lawrence Mintoff u wara l-istess, "*Il-Prosekuzzjoni tiddikjara li m'għandiex aktar provi u qed tagħlaq il-kaz tagħha*". In segwitu, id-difiza ukoll iddikjarat li m'għandiex provi u vverbalizżat hekk kif isegwi – "*Dr Edward Gatt għall-imputata mingħajr preġudizzju għall-mertu qed jeċepixxi l-preskrizzjoni stante li r-riferta esebita tindika zewġ dati u għalhekk anke jekk il-Qorti għandha dubbju, dan id-dubbju għandu jmur favur l-imputata*".

**Ikkunsidrat:**

Illi fil-kamp penali l-eċċezzjoni tal-prekrizzjoni tista' titqajjem fi kwalunkwe stadju tal-proċeduri u hija saħansitra sollevabbli anke mill-Qorti '*ex officio*'. Fil-proċeduri odjerni, jirriżulta li kienet id-difiża li qanqlet tali eċċezzjoni waqt l-ewwel seduta mizmuma quddiem l-Ewwel Qorti, liema eċċezzjoni reġgħet ġiet imtennija fit-tieni seduta, iżda fuq binarji differenti. Issa l-appellant Avukat Ġenerali jilmenta illi l-kontestazzjoni tad-difiża kienet marbuta unikament mad-data meta allegatament seħħ l-aġir inkriminatorju u allura minn liema data kellu jibda jiddekorri it-terminu tal-preskrizzjoni u ma kien hemm ebda kontestazzjoni fir-igward tad-data meta l-appellata effettivament ġiet notifikata biċ-ċitazzjoni. Jisħaq għalhekk l-Avukat Ġenerali illi "*ma kellux ikun mistenni mill-prosekuzzjoni (kif kien mistenni mill-Ewwel Onorabbli Qorti f'dan il-kaz) li – f'kawza sommarja tad-distrett – tħarrek lill-Uffiċjal li qassam ir-riferta meta r-riferta qatt ma kienet in diskussjoni*". Illi jibda biex jingħad illi dak li qed jikkontendi l-Avukat Ġenerali ma jinsabx rifless fl-atti probatorji u dan għaliex kif jindika il-verbal tas-seduta tal-15 ta' Ġunju 2021, ċitata aktar 'il fuq, id-difiża ġibdet l-attenzjoni tal-Qorti illi d-data indikata fuq ir-riferta ma kenitx ċara. Wara li sar dan il-verbal, għalkemm il-provi tal-partijiet fuq dan il-punt kienu magħluqa ma jidhirx illi l-Prosekuzzjoni talbet lill-Ewwel Qorti sabiex ittella' jixhed l-uffiċjal tal-pulizija inkarigat bin-notifika u dan sabiex jikkjarifika it-tħażżiża li kienet saret minnu.

Issa l-Avukat Ġenerali jkompli jilmenta illi "*una volta l-Qorti sussegwentement ġiha dubbju dwar id-data fuq ir-riferta u dehrilha li kellha tqajjem ex officio kwistjoni ta' preskrizzjoni rizultanti fl-estinzjoni ta' l-azzjoni, kellha almenu tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza u titlob li jiġi prodott il-Kuntistabbli li kiteb tali data sabiex jiċċara l-istess*". Illi anke din l-affermazzjoni ta'l-Avukat Ġenerali ma hijiex ibbażata fuq ir-riżultanzi proċesswali. Illi kif ingħad kienet id-difiza li qanqlet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni u mhux il-Qorti *ex officio*. Il-kontestazzjoni tad-difiza jidher li kienet fuq żewġ binarji, waħda illi it-terminu tal-preskrizzjoni kellu jibda jiddekorri mid-data meta l-ittra inkitbet u mhux meta din wasslet għand il-kwerelant, u fit-tieni lok illi d-data meta l-appellata ġiet notifikata biċ-ċitazzjoni ma kenitx ċara fuq ir-riferta, b'dan illi dan id-dubbju kellu jimmilita favur l-appellata. *Di piu'* jerġa' jiġi ribadit illi l-Prosekuzzjoni

ben konxja tal-linja difensjonali li kienet qed tittieħed fir-rigward ta' dina l-eċċezzjoni għogobha tibqa' siekta u l-uniku prova li ressqet kienet dik tar-riferta, liema prova saret ukoll fuq ordni tal-Qorti u mhux għaliex il-Prosekuzzjoni ħasset illi ġaldarba ġiet imqanqla dina l-eċċezzjoni kellha tressaq il-prova tar-riferta, kif dejjem isir f'kull każ meta jkun hemm kontestazzjoni dwar il-perkors tat-terminu tal-preskrizzjoni tal-azzjoni penali.

> **"persuna li tkun akkużata b'xi reat jew kontravenzjoni mhi tenuta ġġib l-ebda prova u darba titqajjem eċċezzjoni ta' preskrizzjoni jinkombi fuq il-prosekuzzjoni illi tipprova illi l-akkuża ma kienetx preskritta u l-azzjoni setgħet titmexxa. Ma hemm l-ebda oneru fuq imputat illi jġib il-provi hu u juri illi l-azzjoni kienet preskritta. Għalhekk il-Qorti trid tasal għal din id-deċiżjoni fuq dak li jirriżulta mill-Atti.[1]"**

Dak li kellha tagħmel l-Ewwel Qorti allura, u li fil-fatt għamlet, kien li teżamina il-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni marbuta ma' dina l-eċċezzjoni, u tasal għad-deċiżjoni tagħha fuq dak li kien jirriżultalha mill-atti proċesswali, kif filfatt jirriżulta li seħħ.

Illi marbut mal-prinċipju legali ta' "*min jallega irid jipprova*", il-Prosekuzzjoni għandha obbligu sanċit mill-Liġi li tipproduċi l-provi kollha, kemm dawk favur kif ukoll dawk kontra l-imputat. Ma tistax toqgħod tagħżel xi provi ttella' skond kif qed tiġi stradata l-kawża, kif qisu qed jippretendi l-Avukat Ġenerali. Id-dmir tal-Prosekuzzjoni kien li tressaq kull prova marbuta ma' din l-eċċezzjoni, inkluż allura l-Kuntistabbli li qassam ir-riferta in kwistjoni, u dan meta kellu jkun evidenti għal Prosekuzzjoni ukoll illi dik ir-riferta ma kenitx l-aħjar prova sodisfaċenti sabiex ixxejjen l-eċċezzjoni sollevata mid-difiża. Ċertament li mhux mistenni mill-Qorti illi tagħmel hi stess ix-xogħol tal-Prosekuzzjoni. B'sempliċiment daqqa t'għajn lejn l-istess riferta huwa evidenti li tista' tinsorġi diffikulta' sabiex tiġi deċifrata d-data indikata fuq l-istess, u għalhekk ċertament li ma kinitx xi ħaġa daqstant diffiċli li l-Prosekuzzjoni tantiċipa din il-

[1] " Il-Pulizija vs Bartolomew Bonnici App. Krim 37/12 deċiża 31/10/2013

problema u ttella' l-persuna li filfatt kiteb l-istess sabiex dan in-nuqqas jiġi ċċarat u dana fl-aħjar interessi tal-ġustizzja.

Illi allura l-Avukat Ġenerali m'għamdux raġun fl-appell minnu ntentat. Mill-Atti Proċesswali, jirrizulta illi l-Ewwel Qorti ikkonċediet differiment wara l-ewwel seduta, għalkemm din kienet kawza sommarja, u dana propju sabiex tiġi sorvolata l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni mqanqla mid-difiża. Jirrizulta ukoll biċ-ċar li fil-mori ta' dan l-istess differiment, kif ingħad aktar 'il fuq, l-Ewwel Qorti b'digriet notifikat lill-partijiet ordnt li tiġi eżebita r-riferta tan-notifika in kwistjoni u li tisma' x-xiehda tal-kwerelant. Dan ifisser li sa dak l-istadju lanqas ir-riferta tal-appellata ma kienet għadha ġiet ezebita mill-Prosekuzzjoni, għalkemm kienet diġa' ġiet sollevata l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni fis-seduta preċedenti, biex b'hekk l-istadju tal-provi marbuta ma' din l-eċċezzjoni kien għadu miftuħ u l-partijiet kienu fil-liberta' kollha li jipproduċu l-provi kollha tagħhom fir-rigward. Tant hu hekk li, hekk kif indikat fil-verbal tas-seduta mizmuma nhar il-15 ta' Ġunju 2021, wara li xehed l-Imħallef Lawrence Mintoff, il-Prosekuzzjoni ddikjarat li m'għandiex aktar provi u għalqet il-kaz tagħha.

Illi fil-fehma tal-Avukat Ġenerali imbagħad, "*huwa evidenti sal-grad taċ-ċertezza morali li r-riferta de quo tqassmet lill-appellata fl-14 ta' Mejju 2021*" u jkompli jsostni li tali data fuq ir-riferta hija "*faċilment deċifrabbli*". Il-Qorti eżaminat ir-riferta in kontestazzjoni minn fejn tirriżulta tħażżiza li tindika li ġie miktub numru fuq ieħor bil-linka. Ukoll, tinnota li quddiem l-Ewwel Qorti la ttella' jixhed l-Imħallef Emeritus Antonio Mizzi dwar id-data meta effettivament rċieva t-taħrika u lanqas ma ttella' jixhed PC 627 Daniel Gauci li kiteb ir-riferta in kwistjoni. Kull ma jirriżulta sal-grad taċ-ċertezza morali huwa li r-riferta tqassmet f' ġurnata fix-xahar ta' Mejju tas-sena 2021 fit-8:20hrs. Skond l-Avukat Ġenerali, peress li l-ewwel tentattiv ta' tqassim tar-riferta seħħ nhar it-13 ta' Mejju 2021, allura huwa evidenti li t-tieni tentattiv seħħ l-għada, u ċioe nhar l-14 ta' Mejju 2021. Illi l-Qorti mhijiex mistennija tistrieħ fuq assunzjonijiet. Ċertament il-mod kif inkitbet id-data fuq ir-riferta ma tirriflettiex il-mod kif għandhom isiru r-riferti b'kitba li lanqas hija deċifrabbli. Lanqas ma hu mistenni mill-Qorti li tipprova tiddeċifra hi kitba konsistenti f'tħażżiża sabiex akkost ta' kollox l-azzjoni tal-

prosekuzzjoni tirnexxi Għalhekk, din il-Qorti tibqa' rinfaċċjata b'dubju raġjonevoli dwar id-data ta' meta effettivament tqassmet ir-riferta in kwistjoni u ma tara li hemm ebda mottiv li jista' iġiegħlha titbiegħed mill-fehma milħuqa mill-Ewwel Qorti.

**Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma is-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**Edwina Grima**
**Imħallef**